**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 219/2023**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent James Grech)**

**vs**

**Artan COKU**

**Illum, 30 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 2023 fil-konfront ta' **Artan COKU** ta' 30 sena, bin Artan u Adriana nee` Reci, imwieled nhar it-18 ta' Lulju 1992 ġewwa l-Albanija, preżentement residenti ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0055278(A), wara li ġie mixi talli:

   Nhar it-8 ta' Mejju 2023:

i. Ma riedx jaħlef jew jixhed meta hekk kien meħtieġ mill-qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. fil-kawża 'Il-Pulizija vs Begtash Muka'.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li ġie kkundannat għal reat b'sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 522(2)(3)(5), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Artan COKU** ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għal piena ta' xahrejn (2) priġunerija effettiva, li minnhom kellu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-proċediment, kif ukoll għal multa ta' tlett elef ewro (€3000), li kellha titħallas b'mod immedjat. Fin-nuqqas li l-multa titħallas puntwalment, din kellha tiġi konvertita fi priġunerija skont il-liġi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant **COKU** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu għall-ksur tal-Artikolu 522 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-istess akkuża u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.*"

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors tal-appell ta' **Artan COKU** billi talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-istess appell u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-intier tagħha, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw dan l-appell.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-appellant **COKU** ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti, fit-termini tal-Artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali, u dan wara li huwa rrifjuta li jaħlef u jagħti x-xhieda tiegħu fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, nhar it-8 ta' Mejju 2023, fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Begtash Muka'. Jirriżulta in oltre illi fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant talab referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fit-termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, il-proċeduri odjerni kienu jilledu d-dritt tiegħu li ma jiġix ipproċessat darbtejn dwar l-istess fatti, wara li diġa` kienu ttieħdu proċeduri oħra fil-konfront tiegħu fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Artan Coku', deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq nhar il-21 ta' Marzu 2023, u dan wara li l-istess appellant kien irrifjuta li jaħlef u jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace, fil-proċeduri fl-ismijiet 'The Police vs Daniel Muka' nhar it-8 ta' Marzu 2023, u quddiem l-istess Qorti, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Begtash Muka' nhar id-9 ta' Marzu 2023. Dakinhar, fir-rigward, l-appellant ġie kkundannat għal piena ta' multa ta' tlett elef u ħames mitt

ewro (€3,500). L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba u pproċediet bis-smigħ tal-kawża, bid-deċizjoni finali ta' ħtija fil-konfront tal-appellant tingħata, kif ingħad, nhar il-31 ta' Mejju 2023.

7. Illi l-appellant iressaq aggravju wieħed permezz tar-rikors tal-appell tiegħu, li jitratta l-prinċipju *ne bis in idem*, għalkemm fl-istess rikors tiegħu jissolleva wkoll punt ieħor, li se jiġi trattat iżjed 'il quddiem. In kwantu n-*ne bis in idem*, huwa jilmenta li għalkemm id-data tal-allegat reat li huwa ġie mixli bih nhar l-10 ta' Mejju 2023, hija differenti minn dik li ġie mixli biha nhar l-10 ta' Marzu 2023, l-akkużi kriminali fil-kawża odjerna jirreferu għall-istess fatt jew fatti li huwa diġa' kien ġie kkundannat dwarhom bis-sentenza tal-21 ta' Marzu 2023. Fir-rigward, huwa jagħmel referenza għall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

8. Illi mingħajr ma tindirizza l-aggravju mqajjem mill-appellant mil-lenti ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, għaliex m'għandhiex il-kompetenza illi tagħmel dan, iżda purament minn aspett ta' liġi penali, din il-Qorti tqis illi l-prinċipju *ne bis in idem* huwa regolat fil-Kodiċi Kriminali taħt l-Artikolu 527, li jaqra bil-mod segwenti:

> Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

9. Din id-dispożizzjoni hija mfassla fuq il-prinċipju li persuna ma tistax tiġi pproċessata u ġġudikata darbtejn dwar l-istess fatt. Dan huwa wkoll dritt fundamentali rikonoxxut fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[1]. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid hekk:

[1] Dan l-artikolu jgħid hekk: *L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.*

> Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat

10. Minn qari tal-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta illi sabiex tiġi nvokata b'suċċess id-difiża tan-*ne bis in idem* jeħtieġ li jikkonkorru s-segwenti elementi: i) irid ikun hemm sentenza; ii) ta' kundanna jew liberazzjoni; iii) mogħtija fuq l-istess fatti. Dan l-artikolu jitkellem fuq 'sentenza' u 'kawża' u kwindi l-prinċipju *ne bis in idem* neċessarjament jirrikjedi li tali sentenza jew deċiżjoni finali tkun ġiet mogħtija minn Qorti kompetenti jew minn tribunal jew awtorita` oħra li tkun vestita bil-liġi, bis-setgħa illi tieħu deċiżjoni. Għaldaqstant mhux kull deċiżjoni, ukoll jekk meħuda minn awtorita` kompetenti, tinkwadra ruħha f'dak li trid il-liġi meta titkellem dwar 'sentenza' (Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali) u 'proċeduri' (Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta). In oltre sabiex sentenza titqies li tkun tagħmel stat ta' fatt kontra l-ġudikat, jeħtieġ li din tkun saret *res judicata* u għalhekk ma tkunx tista' tiġi mibdula. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem dwar id-dritt li persuna ma terġax tgħaddi minn proċeduri (oħrajn) għal reat kriminali, wara li fil-konfront tagħha, fuq dak l-istess reat kriminali (jew reat ieħor li setgħet tinstab ħtija dwaru fl-ewwel proċediment), diġa` jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni fi proċeduri preċedenti meħuda quddiem Qorti kompetenti. Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li lkoll jittrattaw il-prinċipju *ne bis in idem* u l-elementi li jsawruh, fosthom **Il-Pulizija vs Stephen Bonnici** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, nhar it-22 ta' Settembru 2016, **Il-Pulizija vs Magrin Nicolai (Nicolai-Christian)**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) nhar is-26 ta' Marzu 2009, **Il-Pulizija vs George Azzopardi**, deċiża minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-23 ta' Jannar 2014, **Francis Vella vs Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) nhar il-25 ta' Mejju 2010, **Il-Pulizija vs John Micallef**, deċiża minn din il-Qorti, kif

diversament presjeduta, nhar it-28 ta' Frar 2007 u **Il-Pulizija vs Eugenio Said**, deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-28 ta' Mejju 1993.

11. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Azzopardi** tat-23 ta' Jannar 2014, ingħad hekk:

> "L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata ghall-istess fatt li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, "Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r-reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe' l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009." Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn **si tratta ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti**. [enfasi ta' din il-Qorti]
>
> Ikkunsidrat.
>
> Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin. Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga. Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor. Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat. Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontra l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet fil-pussess ta' l-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza "Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe` "The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to proof a legal conviction upon the first." F'dan il-kaz zgur li **ma jistax jinghad illi l-provi migbura fit-tieni process, cioe' dan il-kaz kellhom ikunu bizzejed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat**, dak ta' lottu klandestin. Ghalhekk ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-

Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, "Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat . . .". L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li **persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza.** Per ezempju jekk ghall-istess fatt persuna tigi misjuba hatja ta' serq ma tistax tigi mresqa f'kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b'misappropprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju f'kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f'kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi **wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor**. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta' din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta' din id-dicitura ne bis in idem u cioe' ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, "Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa" Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, "For one and the same cause". Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero' l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m'ghandniex one and the same cause." [enfasi ta' din il-Qorti]

12. Eżami studjat ta' dan il-prinċipju sar ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs Ramon Mifsud Grech et**, deċiża nhar il-5 ta' Novembru 2012, fejn dik il-Qorti irriteniet u spjegat hekk dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*:

"Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioé fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba' artikolu tas-

Seba Protokol tal-Konvenzjoni. Mentri Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghall-*"istess fatt*", Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferi ghall-*"[istess] reat."*

[…]

… l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l-istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess *"fatt"* (u mhux l-istess *"reat"*). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal-kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l-akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f'din ta' l-ahhar il-hin huwa "*fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu*" mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: "*fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija"*. Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess *"fatt"* skond id-dispost tal-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9.

Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:

"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".[2]

Illi l-Profs Mamo jghid ukoll is-segwenti:

"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the <u>same fact</u>. In "**Rex vs. Agata Mifsud et**" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la

[2] *Notes on Criminal Procedure, a fol.* 45.

materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".[3]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Vella et**[4], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

**"Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett**: Hekk per ezempju min f'okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta ta' haddiehor u f'okkazzjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata." [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi ta' min jinnota li fil-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Cini**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* f'reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. Kif irriteniet dik il-Qorti:

"l-imputazzjonijiet f'dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess lock up, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta' wara nofs inhar".

Dik il-Qorti ghalhekk iddecidiet li l-fatti ma kienux l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi f'kaz simili hafna ghal dak odjern, cioé il-kaz **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali laqghet l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* in segwitu ta' bidla fil-hin ta' meta allegatament

---

[3] *Notes on Criminal Procedure, a fol.* 43-44.
[4] Deċiża fid-19 ta' Frar 1999.

sehhew l-imputazzjonijiet kontra l-imputat. In segwitu ta' din id-decizjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2008 qalet hekk:

"it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, huwa dak citat mill-istess appellat fil-kawza **Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea** [15.6.1918] u cioé fejn intqal li:

*"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" é quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra.* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first".***

Illi, in segwitu ta' dan ir-ragunament, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* ma kienitx applikabbli u b'hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet revokata. Minkejja dan, l-imputat f'dik il-kawza ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn il-Qorti iddecidiet illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien gie precedentement akkuzat u illiberat mill-qorti. Illi din is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**, deciza fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ghamlet analizi tajba tal-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet is-segwenti:

"Illi huwa wkoll stabilit[5] li l-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.

---

[5] Qorti Kostituzzjonali, 4 ta' Awwissu 1999, fil-kawża fl-ismijiet **Fenech vs Avukat Ġenerali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

[...]

Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.

[...]

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.

[...]

Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola *ne bis in idem*: "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.*[6]

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li izzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali".

[6] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar** (kif imsemmija fil-ktieb "*Recent Criminal Cases Annotated*" tal-Prof. W. Harding).

Illi jkun għaqli li ssir riferenza għal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza t'hawn fuq, meta din għamlet riferenza diretta għal dak li kellha quddiemha. Il-Qorti qalet:

"Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel procedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni procedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni procedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni procedura). Id-dispożizzjonijiet tal-ligi msemmija fiż-żewg Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewg Taħrikiet huwa l-istess.

Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu ragun iħoss li, bit-tieni procediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proeediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-procediment attwali, wieħed isib li c-cirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. **Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"*actus*") u kemm dak formali (il-"*mens*") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox**. Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu.[7] Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss cirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-grajja nnifisha.

Illi l-Avukat Generali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"*idem*" għaliex jgħid li l-ħin tant kien element krucjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi migjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji

[7] Ara f'dan ir-rigward, QEBD 26.7.2007 fil-każ **Schutte vs Awstrija** (Applik. Nru. 18015/03) §§ 41-2.

gurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrga.

Illi għall-finijiet tal-istħarrig ta' xejra kostituzzjonali li din il-Qorti ntalbet tagħmel, lanqas ma jidher li huwa rilevanti jekk ir-ragunament li wassal lill-Qorti tal-Magistrati biex teħles lill-imputat mill-akkużi fl-ewwel proċediment kienx ragunament tajjeb jew jekk din il-Qorti taqbilx miegħu. Din il-Qorti lanqas tidħol fil-kwestjoni jekk messhiex intalbet waqt dawk il-proċedimenti xi korrezzjoni dwar il-ħin li fih seħħ l-inċident. Dak li jikkonċerna lil din il-Qorti hu jekk fil-fatt jeżistix il-ġudikat li jżomm milli persuna terga' tgħaddi minn process ieħor dwar l-istess fatti li jkunu l-bażi ta' dak il-ġudikat.[8] F'dan il-każ, il-prova tas-sentenza li għaddiet f'ġudikat saret u toħrog mill-atti tar-Riferenza nnifishom.

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-proċeduri pendenti kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati qiegħdin jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni".

13. Fin-noti tiegħu, *Notes on Criminal Procedure*, f'paġna 45 *et seq*, il-Professur Mamo jgħid hekk:

> It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By "fact" it was explained in "Rex v. Rosaria Portelli" (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso." In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in "Rex v. Portelli" above-quoted, has since become settled law. …

[8] Ara App. Krim. Inf. 24.2.1947 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Quintano** (Kollez. Vol: XXXIII.iv.591).

> But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953). **The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events** (v. Cr. App. "Pol. vs. Saliba 28/02/1953 and "Pol. vs. Cassar" 9/1/1954; cfr. also Cr. App. "Police vs. Attard" 17/06/1950.) … …" [enfasi miżjuda]

14. L-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali wkoll jipprovdi għad-dritt ta' persuna li ma tiġix ipproċessata darbtejn fl-istess ġurisdizzjoni ta' Stat għal reat li dwaru jkun hemm diġà deċiżjoni finali ta' liberazzjoni jew ħtija:

> Ħadd ma jista' jkun **ipproċessat** jew jerġa' jiġi **kkastigat** għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġa' ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat. [enfasi ta' din il-Qorti]

15. B'rabta mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) fuq ċitat, din il-Qorti tirreferi għal silta mis-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tad-29 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet **Franz Fischer vs Awstrija**, liema sentenza saret referenza għaliha mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu:

> The Court observes that the wording of Article 4 of Protocol No. 7 does not refer to 'the same offence' but rather to trial and punishment 'again' for an offence for which the applicant has already been finally acquitted or convicted. Thus, while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried or punished for nominally different offences. The Court, like the Austrian Constitutional Court, notes that there are cases where one act, at first sight, appears to constitute more than one offence, whereas a closer examination shows that only one offence should

> be prosecuted because it encompasses all the wrongs contained in the others (see paragraph 14 above) ... There may be other cases where the offences only slightly overlap. Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court must examine whether or not such offences have the same essential elements.

16. Lura għall-każ in diżamina, din il-Qorti tqis illi minn ħarsa lejn dak li jiddisponi l-Artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta illi xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk ikun rikjest mill-Qorti, jikkommetti r-reat ravviżat fl-istess artikolu. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Debono**, tas-27 ta' Ottubru 2022 u li għaliha saret referenza mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu: "*Il-fatt fih innifsu li jagħżel li ma jixhedx meta ma għandux il-jedd, l-għażla jew il-privileġġ li jagħmel dan, jintegra r-reat de quo*". Huwa evidenti għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi dan ir-reat jiskatta f'kull okkażjoni illi xhud jirrifjuta li jaħlef jew jixhed, meta x-xhieda tiegħu tkun meħtieġa mill-Qorti. Jekk l-istess xhud ikun mitlub illi jixhed dwar l-istess fatti b'rabta mal-istess kawża, f'iktar minn okkażjoni waħda u huwa kull darba jirrifjuta illi jagħmel dan, allura tirriżulta r-reita` taħt din id-disposizzjoni tal-liġi. Jirriżulta illi f'dan il-każ, l-appellant instab ħati nhar il-21 ta' Marzu 2023 tar-reat mertu tal-Artikolu 522(2) talli naqas milli jaħlef jew jixhed f''żewġ proċeduri separati nhar it-8 ta' Marzu 2023 u d-9 ta' Marzu 2023 rispettivament, bl-aħħar istanza li fiha l-appellant irrifjuta li jagħmel dan, tkun fl-istess proċeduri ossia 'Il-Pulizija vs Begtash Muka', li fihom huwa reġa' naqas milli jaħlef jew jixhed fit-8 ta' Mejju 2023, dwar liema fatt huwa nstab ħati fis-sentenza llum appellata. Jirriżulta għalhekk illi l-fatti li ġie sentenzjat u kkundannat dwarhom fiż-żewġ proċeduri (fil-21 ta' Marzu 2023 u sussegwentement fil-31 ta' Mejju 2023, permezz tas-sentenza appellata), huma materjalment distingwibbli, għaliex jitrattaw żewġ istanzi separati u distinti li fihom l-appellant, meta hekk meħtieġ mill-Qorti, irrifjuta illi jaħlef jew illi jagħti x-xhieda tiegħu. B'hekk, dan mhux każ ta' persuna li ġiet ipproċessata darbtejn fuq l-istess fatt, wara li kien hemm diġa' pronunzjament ieħor dwar dak l-istess fatt minn Qorti kompetenti, li għaddiet in ġudikat. Fil-waqt li r-reat li nstab ħati tiegħu fiż-żewġ proċeduri kien l-istess wieħed ossia dak ravviżat fl-Artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-fatti li taw lok għal dak ir-reat kienu diversi għaliex seħħew f'jiem u f'okkażjonijiet distinti, b'dan

għalhekk illi l-appellant m'għandux raġun fl-aggravju minnu ssollevat. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa wkoll irrelevanti illi s-Supretendent James Grech xehed illi fil-fehma tiegħu, l-Avukat Ġenerali kellu jmexxi xorta waħda mingħajr il-ħtieġa li jinstema' dan ix-xhud, jew jekk kinux jirriżultaw provi oħra sabiex il-Prosekuzzjoni tagħmel il-każ tagħha, fl-ewwel lok, għaliex jidher illi l-Avukat Ġenerali, li kien qed imexxi dawk il-proċeduri, talab li jixhed l-appellant fin-nota tar-rinviju lill-Qorti Istruttorja, u fit-tieni lok, għaliex il-Prosekuzzjoni dejjem hija meħtieġa li tressaq l-aħjar prova, fit-termini tal-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali. Wara kollox ma jistax ma jiġix osservat ukoll minn din il-Qorti, kif osservat qabilha l-Ewwel Qorti, illi l-istess Supretendent James Grech xehed ukoll hekk fil-konfront tal-appellant: "*...Fortunatament li għen ħafna fl-investigazzjoni imma dak li għena fl-investigazzjoni huma proċeduri totalment differenti minn tal-Qorti u jiena l-istatement tiegħu ma nistax nippreżentah il-Qorti u għandi bżonn lilu jixhed viva voce sfortunatament qisu fl-investigazzjoni ma tani xejn la ma jistax jixheduli l-Qorti*"[9] u dan wara li xehed ukoll illi fl-istadju tal-investigazzjoni, l-istess appellant kellu nvolviment "*qawwi hafna*"[10].

17. Illi fir-rikors tal-appell tiegħu, minkejja taħt l-istess intestatura '**AGGRAVJU: NE BIS IN IDEM**', l-appellant jagħmel ukoll ampja referenza għall-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 2 u 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan fil-kuntest tal-ilment tiegħu illi huwa obbligu pożittiv illi jinkombi fuq l-Istat li jipproteġi b'mod effettiv lix-xhieda li l-Istat stess jobbligahom jiddeponu fi proċeduri kriminali. Fil-fehma tal-appellant, l-Istat falla fil-konfront tiegħu, u dan mhux biss għaliex ma offrielux protezzjoni bħala xhud, iżda ssoġġettah għal piena wara li b'kawża ta' biża', għalih inniffsu u għal familtu, huwa ma riedx jixhed, u sussegwentement reġa' ġie proċessat u kkundannat għat-tieni darba dwar l-istess fatt. Skont l-appellant, l-Artikoli 40 sa 56 tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrux protezzjoni adegwata u effettiva lix-xhieda li jiġu mitluba jixhdu f'proċess kriminali, meta dawn jew il-familjari tagħhom ikunu jinsabu f'perikolu, liema nuqqas huwa attribwibbli lill-Istat li għandu l-obbligu li jipproteġi lix-

[9] Ara a fol. 29 tal-atti proċesswali.
[10] Ara a fol. 28 tal-atti proċesswali.

xhieda fi proċeduri kriminali u jsarraf fi ksur tal-artikoli msemmija iżjed ‘il fuq.

18. Din il-Qorti terġa’ tirrileva li hija m’għandhiex il-kompetenza li tesplora allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-appellant, li huwa jirreferi għalihom f’din il-parti tar-rikors tiegħu, liema lanjanza *semmai* għandha tiġi ndirizzata fis-sede opportuna. Madankollu, mill-aspett ta’ liġijiet penali, din il-Qorti tqis, kif qieset ukoll l-Ewwel Qorti qabilha, illi minkejja l-allegazzjoni tal-appellant illi huwa ma xehedx fil-proċeduri li ġie msejjaħ jixhed fihom, għaliex huwa beża’ għalih inniffsu u għall-familja tiegħu, l-istess appellant ma ġab l-ebda prova li huwa ġie mhedded minn terzi persuni, b’dan għalhekk illi l-allegazzjoni tal-appellant baqgħet biss allegazzjoni. In oltre din il-Qorti tinnota illi l-Artikoli 40, 41 u 42 tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164 tal-Liġijiet ta’ Malta), għal-liema Att jagħmel referenza l-istess appellant fir-rikors tiegħu, jgħidu hekk:

> 40. (1) Meta persuna tkun il-vittma ta’ delitt u tkun ser tinġieb bħala xhud fi proċedimenti kriminali kontra xi awtur jew kompliċi fid-delitt u dik il-persuna tkun imħassba dwar is-sigurezza tagħha jew ikun jeżisti tħassib dwar is-sigurezza ta’ dik il-persuna, il-Kummissarju jista’, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39, iwaqqaf programm ta’ ħarsien ta’ xhieda, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "il-programm".
>
> (2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom ikunu wkoll japplikaw għal persuna li tkun ipparteċipat fl-għemil ta’ delitt u li x-xhieda tagħha tkun meħtieġa sabiex ikun jista’ jitmexxa kontra xi awtur jew kompliċi fid-delitt meta dik il-persuna taqbel li tikkopera mal-awtoritajiet pubbliċi għall-fini ta’ dik il-prosekuzzjoni.
>
> 41. Persuna jista’ jkollha l-jedd tibbenefika taħt il-programm jekk dik il-persuna –
>
> (a) tkun vittma ta’ reat; jew

> (b) tkun ipparteċipat f'xi organizzazzjoni jew grupp ta' persuni li jkunu għamlu jew ikunu organizzati biex jagħmlu xi reat; jew
>
> (ċ) tkun ipparteċipat fl-għemil ta' reat li jista' jkollu bħala piena ta' priġunerija għal żmien seba' snin jew iżjed,
>
> u, fejn ikun japplika l-paragrafu (b) jew (ċ), tiżvela lill-Pulizija tali informazzjoni li l-Pulizija tqis biżżejjed bħala li x'aktarx tikseb, f'każ li ssir prosekuzzjoni eventwali, is-sejbien ta' ħtija ta' parteċipanti oħra fir-reat.
>
> 42. Dwar il-persuna li jkollha dritt li tiġi ammessa għall-programm taħt l-artikolu 41(b) jew (ċ), il-programm għandu jkun biss japplika jekk dik il-persuna tiddikjara li tkun ser tixhed fil-proċess ta' xi parteċipant fir-reat u kull benefiċċju li jingħata jintilef jekk ix-xhud jirrifjuta li hekk jixhed.

In oltre l-Artikolu 54 tal-istess Kapitolu jaqra hekk:

> Programm ta' ħarsien ta' xhieda jista' jiġi wkoll estiż għal xhud f'kull proċediment kriminali dwar delitt kif hemm imsemmi fl-artikolu 41 u li ma jkun ipparteċipa b'ebda mod f'dak id-delitt.

19. Illi huwa evidenti mill-artikoli fuq ċitati, illi kemm il-darba fil-każ tar-rikorrenti, huma sodisfatti r-rekwiżiti tal-paragrafi (b) jew (ċ) tal-Artikolu 41, jew dawk tal-Artikolu 54, ċertament illi ma jirriżultax sodisfatt ir-rekwiżit fl-Artikolu 42, li jirrikjedi illi l-persuna tiddikjara li tkun se tixhed fil-proċess ta' xi parteċipant fir-reat, sabiex tiġi ammessa għall-programm in kwistjoni; altrimenti kull benefiċċju li jingħata jintilef jekk ix-xhud jirrifjuta li jixhed. Fil-każ odjern, ma jirriżultax illi l-appellant f'xi waqt iddikjara li kien se jixhed fil-proċeduri li fihom huwa kien meħtieġ illi jagħmel dan, u għaldaqstant ma kinitx applikabbli għalih il-protezzjoni li tagħti l-liġi. Anzi, kull meta kien meħtieġ jagħti x-xhieda tiegħu, l-appellant la ħalef u wisq inqas xehed. Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma jistax jippretendi li jottjeni benefiċċju li mhux intitolat għalih bil-liġi, jew jillanja illi l-liġi ma toffrilux protezzjoni

adegwata u effettiva, meta ma jirriżultax illi huwa wera l-ħsieb jew iddikjara illi kien se jixhed fil-proċeduri fil-konfront ta' parteċipanti oħrajn fir-reat. Kien ikun xort'oħra li kieku huwa ddikjara illi kien se jixhed, iżda minkejja dan, l-Istat naqas milli joffrilu protezzjoni xierqa u adekwata skont il-liġi, jew inkella li kieku l-liġi ma kinitx toffri tali protezzjoni għal min jistħoqqlu.

20. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-appellant m'għandux raġun dwar dan il-punt sollevat minnu fir-rikors tiegħu, b'dan ukoll illi kif ingħad, jekk huwa jidhirlu li sofra xi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, allura huwa għandu jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti kompetenti.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' **Artan COKU** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**